# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 886/21GG**

**Gaetano u Mary Rose konjugi Sciberras**

**vs.**

**Carmen German**

Illum 4 ta' Lulju 2023.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors ta' Gaetano u Mary Rose konjugi Sciberras**, ippreżentat quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Settembru 2021, li bih resqu s-segwenti premessi u talbiet:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 17 ta' Ottubru 2000 [hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**] Carmen German f'isimha propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' zewgha Ronald German ddikjarat ruhha bhala vera, certa u likwida debitrici tal-esponenti rikorrenti fis-somma ta' tmintax-il elf Liri Maltin (Lm 18,000) ekwivalenti ghal wiehed u erbghin elf, disgha mija u tmienja u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€41,928.72) b'titolu ta' self;

Illi permezz ta' ittra ufficjali ta' nhar is-6 ta' Gunju 2002 [kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument B**] l-esponenti interpellaw lil Carmen u Ronald German sabiex tigi reza ezekuttiva l-kostituzzjoni ta' debitu u dan oltre numru ta' interpellanzi mibghutha lill-istess matul iz-zmien;

Illi l-esponenti intavolaw wkoll mandat ta' sewkestru ezekuttiv lura fil-11 ta' Dicembru 2006 bin-numru 1811/2006 [kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument C**] liema sekwestru ma ta' l-ebda ezitu favorevoli fil-konfront tal-esponenti;

Illi mir-reza ezekuttiva tal-kostituzzjoni ta' debitu u cioe fl-2002, kif ukoll l-intavolar ta' mandat ta' sekwestru fl-2006, l-esponenti baqghu qatt ma thallsu l-ammont hekk kostititwitt permezz tal-att pubbliku surriferit kif ukoll kwalunkwe interessi dovuti lilhom ai termini tal-ligi;

Illi mhux talli hekk talli l-istess Carmen German lura f'Dicembru tal-2020 intavolat kontro-mandat sabiex l-istess mandat ta'

sekwestru ezekuttiv jigi rimoss u billi allegat li sar hlas ghas-saldu, liema kontro-mandat gie michud [kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument D**] u dan billi tali allegazzjoni ma kinitx minnha.

Illi d-debitu dovut mill-intimata lill-esponenti huwa ta' wiehed u erbghin elf, disgha mija u tnejn u tmenin euro u tnejn u sebghin centezmu (€41,928.72) u dan oltre l-imghaxijiet dovuti sal-pagament effettiv;

Illi l-esponenti ghandhom interess illi johrogu mandati ezekuttivi ulterjuri u dan sabiex il-kreditu dovut lilhom jigi sodisfatt fis-shih.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, tawtorizzahom jezegwixxu l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 17 ta' Ottubru 2000, in atti tan-Nutar Tonio Spiteri ( Dokument A) kif premess.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu li dina l-Qorti joghgobha, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, tawtorizzahom jezegwixxu l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 17 ta' Ottubru 2000, in atti tan-Nutar Tonio Spiteri kif premess.

.

Rat ir-**Risposta tal-intimata Carmen German** ippreżentata quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2021, li permezz tagħha wiegbet hekk:

1. Illi preliminarjament l-ammont pretiż mhux dovut stante il-hlas tal-istess u dan kif se jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi ghalhekk ir-rekwiziti li tipprovdi l-ligi fl-Artikolu 258 (C) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tinġieb din l-azzjoni ma jissutux, dana illi fis-sens li d-dejn jrid jkun dovut, li f'dan il-kaz diġà thallas u ghaldaqstant mhux dovut.

3. Salv eċċezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Semghet ix-xiehda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqa mill-partijiet;

**Ikkunsidrat :**

1. Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jipprocedu kontra l-intimata debitri taghhom fit-termini tal-**art. 258(c)** tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta. L-istess rikorrenti jallegaw li t-titolu ezekuttiv taghhom baqa' mhux ezegwit. Dan it-titolu hu provenjenti minn kuntratt notarili

ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikat min-Nutar Dottor Tonio Spiteri tas-17 ta' Ottubru 2000[1] rez ezekuttiv in segwitu ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2002[2] mir-rikorrenti kontra l-intimata fit-termini tal-**art. 253(b)** u **256(2)** tal-Kapitolu. 12. Ghalkemm dak iz-zmien ir-rikorrenti kienu ottjenew it-titolu ezekuttiv taghhom kontra l-intimata Carmen German u zewgha Ronald German, f'din l-istanza qed jitolbu l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex jipprocedu ghall-ezekuzzjoni tieghu kontra l-intimata Carmen German wahidha.

2. Illi, skond l-att notarili pubblikat min-Nutar Dottor Tonio Spiteri fis-17 ta' Ottubu 2000, ir-rikorrenti kienu silfu lill-intimata, f'isimha u f'isem zewgha Ronald German, is-somma ta' tmintax-il elf lira Maltin (LM18,000), illum ekwivalenti ghal €41,928.72 (wiehed u erbghin elf disa' mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tnejn u sebghin centezmu), li l-intimata intrabtet li tirrifondilhom sa zmien sena minn dakinhar tal-att, bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena. Bhala garanzija ta' dan il-hlas, l-intimata *proprio et nomine* kienet ikkostitwiet favur ir-rikorrenti ipoteka generali fuq gidha u gid zewgha kollu, u ipoteka specjali fuq dar b'garaxx fl-Iklin, u appartament fix-Xaghra, Ghawdex. Bl-ittra ufficjali pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 2002, ir-rikorrenti kienu nterpellaw lill-intimata u lil zewgha biex ihallsuhom is-somma shiha hekk mislufa, u li kienet ghadha dovuta, bl-imghaxijiet, u avzawhom b'mod car li dik l-interpellanza kienet qed issir sabiex ikun rez ezekuttiv l-att notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmi.

---

[1] Fol. 3 sa 6
[2] Fol. 7

3. Ezaminati l-provi mressqa mir-rikorrenti, jirrizulta li qabel din l-istanza, huma kienu ttentaw jezegwixxu dan it-titolu taghhom b'diversi modi, fosthom b'mandat ta' sekwestru pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2006 u dan ghas-somma shiha dovuta, liema sekwestru hareg f'idejn il-banek principali.[3] L-intimata kienet ittentat thassar dak il-mandat b'talba ghal-hrug ta' kontromandat fl--10 ta' Dicembru 2020[4], bir-raguni moghtija *'stante pagament ghas-saldu'*;

4. Fix-xiehda[5] tieghu, ir-rikorrent Gaetano Sciberras[6] spjega li hu u martu kienu ssomministraw dan is-self lill-intimata, li ma kinux jafuha, ghaliex din kienet tigi oht Monsinjur Joseph Dalmas, li kien il-kappillan ta' H'Attard fejn kienu jghixu r-rikorrenti fis-sena 2000, u dan kien midhla sew ta' negozju tal-pastizzi li r-rikorrenti dak iz-zmien kienu jiggestixxu f'Birkirkara. B'hekk giet li saru jafu li l-intimata kellha bzonn is-somma ta' LM18,000 biex thallas ghall-kura ta' huha, ghaliex kellu bzonn ikun kkurat barra minn Malta, u flusha kienu marbutin. L-intimata kienet weghdithom li thallashom fi zmien qasir, u huma fdawha minhabba fil-fiducja li kellhom f'huha. Gara pero' li z-zmien ghadda, u l-hlas baqa' ma wasalx ghand ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti inghataw diversi ragunijiet, jew skuzi, ghad-dewmien. Inghataw ukoll cekkijiet li ma ssarfux, u mbaghad skoprew li kien hemm haddiehor li kellu jiehu flus minghand l-intimata, u li l-garanzija li kienet inghatat lill-atturi bil-proprjeta' spiccat fix-xejn ghaliex il-proprjetajiet inbieghu b'irkant gudizzjarju, u ma kienx fadal fondi bizzejjed biex jithallas il-kreditu tar-rikorrenti. Jissokta jispjega ir-rikorrent li huma ma rcevew ebda hlas

[3] Fol. 8 sa 9
[4] Fol. 10, Kontromandat numru 1743/2020
[5] Ara xiehda, 9.3.2022, fol. 45 sa 46
[6] Fol. 27

lura minghand l-intimata. Minkejja dan, f'Dicembru 2020, hija ppruvat thassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li r-rikorrenti kienu ottjenew kontra taghha fis-sena 2006 fuq il-pretensjoni skorretta li d-dejn li kellha mar-rikorrenti kienet hallsitu kollhu. Din il-verzjoni tal-fatti hija konfermata mir-rikorrenti Mary Rose Sciberras[7].

5. Ir-rikorrenti pprezentaw kopja ta' atti mis-subbasta 56/2001 li fiha nbieghu l-proprjetajiet immobbli appartenenti lill-intimata u zewgha, li permezz taghhom l-istess rikorrenti kienu ppartecipaw fl-istess bejgh[8]. Ir-rikorrenti kienu pprezentaw interpellanzi ohra ghall-hlas kontra l-intimata u zewgha tul is-snin, fosthom b'ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru 2006[9], ohra tas-27 ta' Ottubru 2011[10] u ohra tad-9 ta' Ottubru 2017[11] u jirrizulta li l-intimata kienet notifikata b'dawn l-interpellanzi.

6. Ipprezentaw ukoll ir-rikorrenti kopja ta' tlett cekkijiet mahruga minn hu l-intimata Joseph Dalmas, favur l-intimata, wiehed datat 4 ta' Awissu 2000 fis-somma ta' LM17,000 u ggirat[12], u tnejn ohra datati 6 ta' Ottubru 2000 fis-somma komplessiva ta' LM18,000[13], li pero' r-rikorrenti jghidu li nghataw lilhom u li qatt ma setghu jissarrfu fi flus.

[7] Fol. 28, ara wkoll xiehda, 9.3.2022, fol. 47
[8] Fol. 29 sa 30
[9] Fol. 37
[10] Fol. 40
[11] Fol. 41
[12] Fol. 42
[13] Fol. 43

7. Ir-rikorrent Gaetano Sciberras cahad, kif suggerit lilu, li l-intimata kienet raddet lura s-somma mislufa, jew li kienet marret tgharrfu fin-negozju tieghu li hallset il-bilanc tad-dejn lil martu tant li kienu marru jiehdu kafe' flimkien. Qal li meta kien ghamel rapport mal-Pulizija, dawn kienu dderigewh biex ifittex lill-intimata civilment ghall-hlas billi kien ghadda z-zmien. Huwa cahad li l-pulizija ma mexxewx bi proceduri kriminali kontra l-intimata dwar dan il-kaz ghaliex dehrilhom li ma kienx hemm provi bizzejjed li din wettqet reat.

8. Mill-banda 'l ohra, fix-xhieda[14] taghha, l-intimata kkonfermat li kienet taf lir-rikorrenti meta kienet toqghod hija wkoll f'H'Attard. Skond hi, kienet talbet lir-rikorrent self ta' LM5,000 biex thallas ghal spejjez ta' sahha ta' zewgha, u skond hi, dawn il-flus kienu nghaddew lilha b'zewg cekkijiet, wiehed ta' LM2000 u iehor ta' LM3000. L-intimata tghid li r-rikorrent gieghelha tiffirma kuntratt ta' self ghall-ammont ta' LM18,000 sabiex id-differenza tkun taghmel tajjeb ghat-tnaqqis fil-valur tal-isterlina li kien qed ikun hemm dak iz-zmien, u ghaliex zewgha kien jimporta mill-Ingilterra. Skond hi wkoll, irrifondiet dan is-self moghti lilha billi hallset b'kollox LM700 biex jinqatghu mill-imghaxijiet, u LM3000 biex jitnaqqas mill-kapital. Skond hi, il-hlasijiet ghamlithom f'kontanti fil-hanut tar-rikorrent f'Birkirkara. Skond l-intimata wkoll, il-bilanc ta' LM2000 tathom kontanti lir-rikorrenti Mary Rose Sciberras meta marret tiehu kafe' maghha f'hanut f'H'Attard. Ukoll skond l-intimata, meta marret biex tikkonferma li d-dejn kien imhallas kollhu, ir-rikorrent laqaghha b'allegazzjoni li kien fadlilha xi thallas,

[14] Fol. 50 sa 51

u hi xxukkjat ruhha. Qalet ukoll li kien mar xi hadd ihabbtilha d-dar ghall-hlas tal-bilanc, li wasslilha r-risposta li r-rikorrenti kienu joqoghdu bi hlas ta' LM8000, u li mbaghad kellmuha anke l-pulizija fuq rapport li ghamlu r-rikorrenti kontra taghha in konnessjoni ma' dan is-self. Ir-rapport relattiv lill-ufficjali tal-pulizija, li kien sar mir-rikorrenti fis-sena 2012, jinsab ezibit fl-atti[15], u r-rikorrent Gaetano Sciberras ikkonferma li kien hu li kien mar jaghmel dan ir-rapport.[16]

9. In kontroezami[17], l-intimata ddikjarat mill-ewwel li dan id-dejn hallsitu, pero' kkonfermat li qatt ma ghamlet proceduri gudizzjarji civili biex tikkontesta l-att notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikat min-Nutar Dottor Tonio Spiteri fis-17 ta' Ottubru 2000. L-intimata kkonfermat li din ma kienitx l-ewwel darba li sselfet flus minghand nies privati. Skond hi, pero', id-dejn li ghamlet dejjem hallsitu. Rinfaccjata b'decizjonijiet moghtija minn qrati ta' gurisdizzjoni kriminali li sabuha hatja ta' reati ta' frodi u truffa b'konnessjoni ma' self li hadet f'zewg okkazjonijiet differenti, l-intimata wiegbet li dawn il-kundanni kienu dovuti ghal mankanzi fid-difizi legali li kellha, u li d-djun hallsithom kollha. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti pprezentaw sentenzi moghtija f'zewg procedimenti kriminali kontra l-intimata, wahda tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004[18] li permezz taghha l-intimata nstabet hatja ta' frodi, u kienet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur; u ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta'

[15] Fol. 58 sa 59
[16] Ara xiehda, 5.7.2022, fol. 60 sa 61
[17] Ara xiehda, 3.11.2022, fol. 6 sa 70
[18] Fol. 71 sa 76

Settembru 2016[19] li permezz taghha nstabet hatja ta' reati simili u kienet kundannata sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

**Ikkunsidrat:**

10. Illi ezaminat l-assjem tal-provi mill-ottika tal-ligi applikabbli ghall-kaz odjern, il-Qorti ma taqbilx mal-argumentat mressaq mill-intimata fis-sottomissjonijiet finali taghha, jigifieri li l-prova li r-rikorrenti kienu mistennija jressqu fi procediment bhal dan mhix fin-negattiv, ossia li l-intimata ma hallsitx id-debitu li dwaru jezisti titolu ezekuttiv favur taghhom. Dan ghaliex il-prova li r-rikorrenti huma mistennija iressqu hi li *'jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut'* (**art. 258**, Kap. 12). Huwa mbaghad kompitu tal-intimata, bhala konvenuta ghat-talba tal-ezekuzzjoni tar-rikorrenti, li ghandha l-oneru li tressaq l-ahjar prova ta' dak allegat minnha, cioe li l-obbligu tal-hlas dovut minnha skond l-att notarili tas-17 ta' Ottubru 2000 kien estint bil-pagament ghas-saldu.

11. Issa, filwaqt li r-rikorrenti ressqu prova shiha u konvincenti, sal-grad li trid il-ligi fil-procedura civili, kemm dwar in-natura tad-debitu u anke dwar l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv li jgawdu dwaru kontra l-intimata, min-naha taghha l-intimata ma ressqet ebda prova tal-hlas ghajr ghad-dikjarazzjonijiet taghha mhux sostanzjati b'xiehda jew dokumenti. Fic-cirkostanzi fattwali kollha li rrizultaw, inkluz in-nuqqas tal-prova tal-pagament, u d-

[19] Fol. 82 sa 112

dikjarazzjoni tal-intimata li qatt ma ghamlet ebda procediment biex tikkontesta l-att notarili msemmi, jew it-titolu ezekuttiv li r-rikorrenti jgawdu kontra taghha, lanqas wara li din il-Qorti (diversament presjeduta) cahdet it-talba taghha ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, din il-Qorti hija moralment konvinta, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-jedd ta' kreditu tar-rikorrenti kontra l-intimata, li dwaru r-rikorrenti jgawdu t-titolu li qed jitolbu li jezegwixxu, ghadu jezisti fl-intier tieghu, u li dan ma kien bl-ebda mod estint, la ghal kollox u lanqas in parti.

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati fir-Risposta tal-intimata, u tilqa' t-talba tar-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Ghad -Deputat Reġistratur**